# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Nov. - Dic. 1985 Nru. 27


## "IL-MILIED — Festa ta' Sliem u Paċi"

Milied, Paċi u Sliem - tliet kelmiet li mhux la kemm tifridhom minn xulxin. Tiskanta, iżda, li mhux la kemm jiġi ta' linqas Milied wieħed u miegħu jġib kemm il-paċi kif ukoll is-sliem. **Dawn donnhom qegħdin jitbiegħdu mid-dinja li ninsabu fiha. In-nies tixtieq il-paċi, imma ma tistax tiksibha għaliex mhix tfittixiha flimkien ma' Ġesù Kristu.** Jidher li qegħdin infittxu l-Paċi mingħajr Milied jew il-Milied mingħajr il-Bambin Ġesù.

Meta tħabbret il-Paċi fl-ewwel Milied, dan sar lill-bnedmin ta' rieda tajba. Issa rridu naraw kemm fi żmienna, fid-dinja ta' madwarna, insibux tassew ir-rieda tajba kif fehemha Kristu u kif ħabbruha l-qtajja' ta' l-anġli ferħana f'dak l-ewwel Lejl Qaddis. Ma nafx kemm hemm rieda tajba fejn min jaħkem ma jirrispettax ix-xewqa tal-popli li jmexxi, fejn il-libertà tinsab maħnuqa, fejn flok ir-raġuni taħkem il-qawwa tal-poter. Ma jidhirlix li t-tellieqa sfrenata, bla rażan għall-produzzjoni u stazzjonar ta' missili nuklejari tista' b'xi mod issejħilha riedha tajba. Ir-rieda tajba titlob umiltà biżżejjed biex wieħed jistma lil ħaddieħor daqsu nnifsu, jirrispettah u jagħtih kull għajnuna.

Biex f'dal-Milied li ġej fuqna jkollna l-Paċi fostna, l-ewwel ħaġa meħtieġa hija li f'isem it-Tarbija ċkejkna ta' Betlem, nersqu iktar lejn xulxin, ninsew dak kollu li jifridna u nuru rieda tajba ta' mħabba u ħniena ma' kulħadd. Dak li jifridna tista' tkun l-għira, il-pika il-politika, kwistjonijiet familjari u tant u tant problemi li jinqalgħu minn żmien għal żmien, xi drabi minn ġol-ħajt. Bil-għajnuna tal-Verb Divin, nistgħu wħud minn dawn ninsewhom u naħfru lil min naqasna, oħrajn insulvuhom jew ta' lanqas flimkien nippruvaw inħolluhom filwaqt li nsibu idejali tajbin li jressquna lejn xulxin.

Kieku nistinkaw naħdmu flimkien u niġbdu ħabel wieħed biex insolvu wħud minn dawn il-problemi li tant qed ikidduna, żgur li fil-kuxjenza nħossu l-Paċi u s-Sliem tal-veru Milied. Altrimenti qalbna tkun vojta, nieqsa minn dak il-veru ferħ li ħassew ir-ragħajja ta' l-ewwel Milied. Niesna tal-lum mhumiex jieħdu bis-serjetà l-messaġġ tal-Milied; għal bosta minnhom il-Milied jiġi għal ftit tal-ħin u



mbagħad jerġgħu lura fejn kienu. Hemm bżonn li l-Milied ngħixuh is-sena kollha; inkella nkunu nixbhu lil dawk in-nies li l-poeta Anton Buttigieg isemmi fil-poeżija tiegħu "Il-Milied".

"Nofs il-lejl. . .
miżegħda ta' tisfir ġej mill-vapuri. . .

Id-dinja tieqaf;
in-nies tbus lil xulxin kollha ferħana. . .

Jiġi l-messaġġ:
'Alla wera lilu nnifsu
lil ftit ragħajja. . .'

Id-dinja
tisma' l-messaġġ,
'mma wara tkompli ż-żfin, u tibqa' mkebba
fil-għelt u fil-kburija!"

Ejjew għalhekk ħbieb, intom fejn intom, intom minn intom, nagħmlu sforz ġenwin biex dal-Milied ta' l-1985 iġibilna tassew miegħu l-veru Sliem u Paċi li jibqgħu jsaltnu f'qalb kulħadd sa Milied ieħor. B'hekk il-Milied ma jkunx ġie fuqna u ħalliena għal xejn.

***Kav. Joe M. Attard***

**Nixtiequ lil kulħadd il-Milied it-Tajjeb**

# Mill-Ħajja fid-Djoċesi. . .

**Ta' Kana Jagħlqu Għoxrin**

Il-Moviment ta' Kana f'Għawdex bħalissa qed ifakkar l-Għoxrin Anniversarju mit-twaqqif tiegħu.

Il-Moviment twaqqaf fis-17 ta' Ottubru 1965 primarjament bl-inizzjattiva tas-Sinjura Edmea Tabone u Fr Charles Vella. Tul dan iż-żmien il-Moviment ħadem bla serħan fost il-familji Għawdxin u koppji għarajjes bil-għan li joffri formazzjoni nisranija kemm fil-ħajja kif ukoll fit-tħejjija għaż-żwieġ. Għall-bidu x-xogħol xejn ma kien faċli, iżda bil-mod il-mod l-interess fil-Moviment kiber sewwa u llum il-ġurnata nistgħu ngħidu li l-Moviment huwa wieħed mill-akbar organizazzjonijiet fi gżiritna. Il-ħolma tad-direzzjoni tal-Moviment issa hija l-bini taċ-Ċentru l-ġdid fi Triq ir-Repubblika, Victoria.

**Ħamsin Sena ta' mħabba bla waqfien**

Avveniment ieħor li qed jiġi mfakkar ukoll din is-sena huwa l-50 Annersarju mit-twaqqif ta' waħda mid-djar orfanatrofji f'Għawdex - Lourdes Home. Din id-Dar, li tinsab immexxija mis-Sorijiet Dumnikani, fetħet uffiċċjalment fl-1935 bil-ġenerożità kbira tas-Sinjorini Ġużeppa Debono u Mary Ballucci, il-fundaturi ta' din id-Dar. Sallum 'il fuq minn 500 tifel u tifla ġew imrobbija f'din id-Dar. Kif wieħed jista' jimmaġina, huma ħafna l-problemi li s-Sorijiet Dumnikani jiltaqgħu magħhom fit-trobbija ta' dawn it-tfal, l-akbar fosthom, bla dubju, dik finanzjarja. Iżda għall-grazzja 't'Alla, il-ġenerożità ta' ħafna benefatturi sena wara l-oħra ma tonqosx, u ta' sikwit l-Istitut jaslulu diversi għotjiet ta' karità minn kull rokna ta' Malta u Għawdex. J'Alla aktar qlub ġenerużi jkomplu jitqanqlu b'l-għajnuna tagħhom lejn din id-Dar sabiex is-Sorijiet ikunu jistgħu jkomplu jgħaddejjin bl-opra qaddisa li qed iwettqu ma' tant tfal innoċenti.

**Sena oħra ta' ħidma**

L-Azzjoni Kattolika għadha kif fetħet is-sena soċjali tagħha 1985/86 b'Quddiesa Konċelebrata fis-Santwarju Ta' Pinu. L-Asst. Ekklesjastiku Djoċesan, Dun Karm Hili, għamel id-diskors ta' merħba fejn ħeġġeġ lill-membri kollha jkomplu jattendu għal-laqgħat li jsiru ta' kull ġimgħa. L-Azzjoni Kattolika din is-sena għandha President ġdid. Dan huwa is-Sur Emmanuel Saliba li lilu, f'isem il-parroċċa tagħna, nawguraw bosta snin ta' ħidma waqt li noffrulu t-talb tagħna.

**Għaqda Ħbieb tal-Presepju**

Għadd ta' dilettanti tal-prersepju dan l-aħħar irnexxielhom iwaqqfu l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju. L-għaqda għandha l-għan li tkabbar l-interess tal-presepju fost il-familja Għawdxija, tappoġġja x-xogħol tal-artisti u kittieba fejn jirregwardja arteġġjanar u letteratura konnessa mall-presepju u toħloq relazzjonijiet fuq bażi nazzjonali u internazzjonali ma' enti simili, sew bi bdil ta' aħbarijiet kif ukoll b'pubblikazzjonijiet konnessi ma' xogħlijiet tal-presepju. L-għaqda, li diġa' kisbet l-għarfien tal-Għaqda Internazzjonali tal-Presepji: Universalis Foederatio Praesepistica, għandha l-ħsieb li 'l quddiem torganizza korsijiet u lectures konnessi mall-bini tal-presepju u ttella' wirja permanenti ta' presepji. L-ewwel President tal-Għaqda huwa s-Sur Joseph Galea.

**Rock Opera Għawdxija**

"Gwanninu" huwa l-isem ta' Rock Opera ġdida li l-kumpanija tal-palk Don Bosco qed tippreżenta matul dan ix-xahar. Ir-Rock Opera titratta dwar il-ħajja tal-fundatur tas-Salesjani, San Ġwann Bosco u qed tiġi mtella' fl-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ u s-Sena Ewropea tal-Mużika. Il-mużika oriġinali ta' "Gwanninu" inkitbet miż-żgħażugħ promettenti Għawdxi Stephen Attard waqt li Colin Attard (hu l-kompożitur) kellu f'idejh il-ko-ordinazzjoni mużikali. Ir-Recording tal-mużika sar fl-Istudio tal-Media Centre (Catholic Institute) taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Vella. "Gwanninu" hija bla dubju biċċa xogħol kbira tal-palk li ħadd m'għandu jitlef.

## Mistoqsija u Tweġiba

*Minn din il-ħarġa sejrin nibdew nallokaw rokna żgħira minn din ir-riivista sabiex fiha nwasslulkom xi tagħrif filqosor dwar suġġetti ta' interess ġenerali. Dan it-tagħrif se jaslilkom permezz ta' tweġiba li tingħata għal mistoqsija waħda li ssir ta' kull darba. Il-mistoqsijiet li jsiru mhux neċessarjament jirrigwardjaw suġġetti reliġjużi ta' kull darba, iżda xi minn daqqiet ikunu jittrattaw ukoll aspetti soċjali, kulturali, folkloristiċi, storiċi u oħrajn. Illum se niftħu din ir-rokna b'domanda dwar l-episkopat fid-djoċesi t'Għawdex mill-1864 l'hawn.*

***Mistoqsija:***
***Meta twaqqfet id-Djoċesi t'Għawdex u min kienu l-Isqfijiet li kellna s'issa?***

***Tweġiba:***
***Għawdex sar Djoċesi fis-16 ta' Settembru 1864. Is-seba' isqfijiet li kellna kienu;***

***Mons. Mikiel Buttiegieg (1864 - 1866)***
***Mons. Anton Grech Delicata (1867 - 1877)***
***Mons. Pietru Pace (1877 - 1889)***
***Mons. Giov. M. Camilleri (1889 - 1924)***
***Mons. Mikiel.Gonzi (1924 - 1944)***
***Mons. Giuseppe Pace (1944 - 1972)***
***Mons. Nikol Cauchi (1972 -    )***

**INGĦAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI**

**29.9.85**
Dr. Joseph Galea u Frances Said

**DAĦLU QABILNA FL-ETERNITÀ**

**29.9.85** Salvu Cachia
**31.10.85** Rita Ballucci

**CHRISTMAS BAZAAR**
**Fiċ-Ċentru tal-Parroċċa**
*organizzat mil-Ladies Society*
*3 u 4 ta' Diċembru 1985*

# FESTI ĊINKWANTENARJI F'TA' PINU

Fis-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu din is-sena ġie mfakkar egħluq il-50 sena mill-Inkoronazzjoni tax-xbieha mirakoluża tal-Madonna b'għadd ta' ċelebrazzjonijiet. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet fetħu l-Ħadd 28 ta' April b'funzjoni speċjali mmexxija mill-Kapitlu Metropolitan u issoktaw minn ġimgħa għall-oħra bis-sehem tal-kapitli ta' Vittoriosa, Senglea, Cospicua, Rabat, Birkirkara, San Pawl tal-Belt, Nadur, Xagħra, San Ġorġ u l-Kattidral.

Matul l-Erbgħat kollha. l-quddiesa ta' filgħaxija ġiet organiżżata minn gruppi ta' żgħażagħ rappreżentanti tal-parroċċi t'Għawdex. Il-Ħadd 21 ta' Lulju l-President tal-Akkademja Pontifiċja Marjana, Patri Paolo Melada O.F.M., mexxa Konċelebrazzjoni flimkien mar-Retturi tas-Santwarji Marjana ta' Malta u Għawdex.

Il-festi għalqu l-Ħadd 27 ta' Ottubru u għall-okkażjoni ġie mistieden l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Sebastiano Baggio, li quddiem folol kbar ta' nies miġbura ġewwa s-Santwarju, mexxa Konċelebrazzjoni Solenni flimkien ma' Mons. Isqof Nikol Cauchi u numru kbir ta' saċerdoti tad-djoċesi.

Sadattant tħabbar li bħala tifkira ta' dan iċ-Ċinkwantenarju, twaqqaf Prayer Group bl-isem "Madonna Ta' Pinu". Permezz ta' dan il-Prayer Group huwa ttamat li jitnisslu bosta vokazzjonijiet sabiex marras ta' Ommna Marija jitpoġġew mhux deheb u ġawhar, iżda **erwieħ qaddisa** li jżejnuha mhux f'din id-dinja imma anke fis-sema pajjiżna.

Il-Laqgħat tal-Prayer Group 'Madonna Ta' Pinu' isiru kull raba' Ħadd tax-xahar bejn id-9.30 a.m. u l-11.30 a.m.



***L-Eminenza Tiegħu l-Kardinal S. Biaggio jidher jiffirma l-Visitors' Book waqt żjara qasira li għamel lill-Knisja Bażilika tagħna***

## ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA

**21.9.85**
BENJAMIN iben George Pavia u Roseabelle nee Buttigieg
**22.9.85**
GEORGE MARIO iben Bernard Muscat u Mary nee Micallef
**28.9.85**
MARK iben Martin Vassallo u Mary Rose nee Micallef
**29.9.85**
NEVILLE iben Loreto Galea u Josephine nee Galea
**4.10.85**
MARVIC iben Raymond Gafa u Maria nee Azzopardi
**5.10.85**
RITIENNE bint Mario Farrugia u Maria nee Farrugia
**6.10.85**
GEORGIANA bint Anthony Xuereb u Mary Grace nee Mizzi
**13.10.85**
SUE ELLEN bint Raymond Mizzi u Georgina nee Cassar

## S'Hawn waslet il-Familja Maltija

**"Qed jidħlu 10 każijiet ġodda ta' separazzjoni kull ġimgħa fil-Qrati ta' Malta"** qalilna Patri William Axiaq, OFM.Cap. f'konferenza li ta f'Ottubru fit-Teatru Astra. **"Hafna żweġijiet qed jitkissru wara biss xahar, sitt xhur jew sena ta' ħajja miżżewġa".**

- *INTOM ŻGĦAŻAGĦ, going steady jew għarajjes, qisu li tieħdu formazzjoni tajba bi tħejjija għaż-żwieġ sabiex il-quddiem ma tgħaddux minn dan l-infern.*
- *INTOM ĠENITURI, araw li wliedkom jieħdu l-formazzjoni xierqa bi tħejjija għaż-żwieġ minn kmieni biex b'hekk għada pitgħada ma jaqgħux fid-diżastru li semmejna fuq.*

Għal dan li skop, il-Parroċċa tagħna, mgħejjuna minn xi koppji bħalkom, ser torganiżża sensiela ta' laqgħat fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali. L-ewwel laqgħa se ssir nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Novembru, 1985.

INHEĠĠUKOM TIĠU U ĠĠIBU KOPPJI OHRA MAGĦKOM.

## *Ħajjitna għandha gost, idejali, raġuni, jew ħajjitna għadha vojta?*

- x'hemm iżjed vojt minn żewġ nisa jpaċpċu għal hin twil fuq dik u fuq l-oħra?
- x'hemm iżjed vojt minn żewġ irġiel jippikaw bejniethom u jiġġieldu fuq il-punt li hadd ma jrid iċedi?
- x'hemm iżjed vojt minn reliġjon ibbażata fuq ftit devozzjonijiet u festi imma mbagħad mingħajr il-qalba ta' l-impenn shih ma' Ġesu fl-imħabba lejn l-oħrajn?
- x'hemm iżjed vojt minn koppja li għandhom dar ma jonqosha xejn imma mbagħad ma jafux jiddjalogaw flimkien; jeżistu biss it-tisbit u l-agħjat?
- x'hemm iżjed vojt minn dik il-mara liebsa dejjem 'chik', imma mbagħad nieqsa minn kull sens ta' ekwilibriju fil-mod kif tmexxi l-familja, jekk, quddiem il-problemi, ma toħroġx tiftah idejha mal-ġirien,tgħajjat kemm għandha nkwiet, imma ma toħlomx - għax lanqas taf - li tipprova tħollhom jew taffronthom?
- x'hemm iżjed vojt minn koppja miżżewġa li, għaliex mehdija bil-passatempi tagħhom, ma jsibux żmien biex jilagħbu ma' wliedhom żgħar jew biex jisimgħu u jinteressaw ruħhom fil-problemi ta' wliedhom żgħażagħ, b'riżultat li l-ulied jafu li d-dar ma hemmx tmexxija, imma li kollox jimxi għal rasu, u allura fl-immaturità tagħhom, japprofittaw kemm jifilħu mis-sitwazzjoni?
- x'hemm iżjed vojt minn missier, li ma jridx igħid ir-rużarju għaliex irid jara t-television bit-tajjeb u bil-ħmieġ tiegħu; jew l-omm li tgħid ir-rużarju filwaqt li tibqa' tgħaddi l-ħwejjeġ jew tħejji l-ikel; jew aħjar insibu skużi fuq skużi biex ma jgħiduhx għaliex għajjenin. . . għaliex m'hemmx żmien u żmien għal ħwejjeġ oħra nsibu?

***Jekk ħajtek hi vojta, għax ma tpoġġix lil Kristu fiha?***

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

EDITORJAL

# IŻ-ŻMIEN ITIR

Is-sena fis riesqa lejn tmiemha. Ftit ġimgħat oħra u tkun għaddiet! U magħha tkun ġarret tant ġrajjiet, tant esperjenzi soċjali u ndividwali, tant ħajjiet ta' bnedmin. Din hi l-loġika taż-żmien u ta' l-istorja: Kollox igħaddi! Kollox jintemm!

U hekku li din is-sena - li għal dawn l-aħħar ħdax-il xahar ilha tterraq, daqqa ħafifa u daqqa magħfusa bit-toqol ta' ġrajjietha - tgħaddi wkoll u tintemm. Magħha tixjieħ is-Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ u tiskot, ukoll, is-Sena Ewropea tal-Mużika. U, intant, jasal il-Milied u jgħaddi, jispiċċa Diċembru u jiżbokka Jannar, u niffesteġġjaw il-bidu tas-Sena Ġdida bl-awguri klassiċi tal-hena u s-sliem.

Quddiem din ir-realtà taż-żmien, li donnu ħin bla waqt isir memorja effimera, ta' min jieqaf u jaħseb: Din is-sena li dalwaqt tasal fi tmiemha, **swietli għal xi ħaġa lili?** Il-proponimenti li għamilt fil-bidu tagħha, u minn żmien għal żmien ma tulha, **wettaqthom?** L-esperjenzi li għaddejt minnhom u l-ġrajjiet li sawru l-ħajja tiegħi din is-sena, **lili għenuni biex nikber** fl-umanità tiegħi u biex nimmatura fil-ħajja ta' fidi tiegħi? Għax, ikun mormi ż-żmien li ngħaddu u jkunu moħlija s-snin li ngħixu jekk aħna ma' tulhom ma nikbrux bħala bnedmin u bħala nsara! Għalxejn ikunu s-snin ta' ħajjitna jekk ma nkunux saħħaħna fina l-virtujiet naturali bħalma huma dawk ta' l-onestà, tal-ġustizzja, tal-prudenza, tal-ħlewwa u oħrajn. Mitlufin ikunu jekk ma nkunux nissilna fi qlubna u f'ruħna għeruq ġodda mill-virtujiet soprannaturali tal-fidi, tat-tama u ta' l-imħabba nisranija.

Fadal biss ftit ġimgħat sa tmiem is-sena kurrenti. Ejjew ma nħalluhomx isiru duħħan! Ejjew nivvalorizzawhom billi naħtfu l-opportunità, ċkejkna kemm hi ċkejkna, li joffrulna, sabiex ninkurunaw il-ġrajjiet u l-esperjenzi ta' dawn l-aħħar ħdax-il sena b'egħmejjel ta' ubbidjenza u fedeltà lejn Alla, ta' ġustizzja u mħabba mal-proxxmu u ta' rġulija u onestà magħna nfusna.

Hekk, mhux biss inkunu qed nikbru quddiem Alla, imma nkunu wkoll qed nagħmlu l-aħjar tħejjija għall-festi tal-Milied li resqin u għall-bidu tas-sena l-ġdida.

### aħseb ftit . . .

- Impo rtanti li jkollok mira tajba fil-ħajja; u daqshekk ieħor huwa mportanti li tkun taf metá għandek tiġbed il-ġrilli.
- Ibda minn fejn int, imma tibqax fejn int.
- Jekk ma titlaqx ma tasal imkien.

# IL-GĦANJA TAL-MILIED

*Ifthu qalbkom għall-għanja*
*Ta' dan il-jum sabiħ,*
*Il-jum li bih tinkesa*
*Din l-art b'kull sebħ u ġieħ.*

*Fis-sema ta' l-imħabba,*
*Miżgħud kollu kewkbiet,*
*L-isbaħ li tiddi fosthom*
*Hi l-kewkba tal-Milied.*

*Ġo grotta ċkejkna ċkejkna,*
*Għamara tal-fqajrin,*
*Tfajjel sabiħ tas-Sema*
*B'idejh it-tnejn ċkejknin,*

*Qiegħed isejjaħ fejnu*
*Bil-ħlewwa lil kulħadd;*
*Sejħa li d-dinja qabel*
*Ma kienet semgħet qatt:*

*"Ejjew, ejjew, għal għandi*
*Qalb waħda u mxerkin,*
*Ikoll intom uliedi,*
*U aħwa ta' xulxin.*

*Għalikom biss ġejt niksaħ*
*F'dal-bard u f'dan is-skiet;*
*Ħallejt il-kobor tiegħi,*
*U s-saltna tas-smewwiet.*

*Għalikom biss mis-Sema*
*Ġejt fostkom f'dan il-ħin,*
*Sirt l-iċken fost iċ-ċkejkna,*
*U l-ifqar tal-fqajrin."*

*Din hija s-sejħa ħelwa*
*Ta' Betlem minn ġos-skiet*
*Qiegħed jagħmel lid-dinja*
*Dat-Tfajjel tas-smewwiet.*

*Min jista' jibqa' biered*
*Għal dan il-kliem sabiħ?*
*Min jista' qatt quddiemu*
*Iwebbes qalbu sħiħ?*

*Ninsew il-lum immela*
*Kull hemm, dwejjaq u ġlied;*
*Jinżel mis-sema fuqna*
*Il-hena tal-Milied.*

**Ġorġ Pisani**



# Il-Milied mhux fil-25 ta' Diċembru . . . biss

Il-Milied huwa l-isbaħ festa tas-sena għax hi l-festa tal-familja. Il-membri ta' kull familja jħossu bżonn qawwi, aktar mis-soltu, li jinġabru flimkien biex jaqsmu l-ferħ, biex jibdlu x-xewqat li f'dawn il-ġranet tal-Milied ifawwru fi qlubhom.

Dawn il-ġranet fihom seħer speċjali għax minkejja li l-familji huma mdawwrin bi problemi kbar, dawn jirnexxilhom iwarrbu dak li jinkwethom u jaljenhom. Iva, għal ftit taż-żmien id-djar isiru santwarji ta' hena u paċi. Bil-fors li jinħass dan l-effett, meta tara aħwa jifhmu aktar lil xulxin, jitolbu għal xulxin, jinsew l-għawġ u flimkien jaħdmu biex tirrenja biss l-imħabba, rieda tajba, ix-xewqa li jkunu għajnuna għal xulxin.

Sentimenti nobbli bħal dawn kienu jimlew il-qlub tal-familja tagħna ta' ħafna snin ilu. U kieku ma kienux imħeġġin minn dawn is-sentimenti, forsi aħna llum ma konniex nistgħu ngawdu l-ġid spiritwali li qed niksbu fi żmienna.

Ħalli qlubna u djarna jkunu jixbhu l-grotta ta' Betlem. Inħarsu sew lejn il-grotta. . . lokal minsi, lejla xitwija, faqar kullimkien, dalma, hemda, fin-nofs maxtura ċkejkna. F'dik il-maxtura hemm tarbija tat-twelid. Tarbija divina. Betlem saret iċ-ċentru tad-dinja, il-lejla mudlama inbidlet f'dija tal-għaġeb, il-hemda tinkiser b'għana ferrieħi. Mill-istess għar feġġ dawl ġdid, inxtered il-ferħ u bdiet tinħass il-hajja. Għax Ġesù twieled, Ġesù huwa l-veru dawl, l-unika ferħ, u l-istess hajja.

Hekk iridu jkunu qlubna u djarna - replika tal-għar ta' Betlem - minn fejn joriġinaw id-dawl, il-ferħ, u hajja permezz ta' Ġesù Bambin. Aħna ninsabu persważi li dawn il-grazzji ma jeżistux għalina, jekk ma naħdmux biex Ġesù jitwieled u jgħix fina.

Tajjeb li hawn nieqfu ftit u nistaqsu: "Għaliex sentimenti tant tajbin inħossuhom biss fi żmien il-Milied?" Ir-raġuni hija sempliċi. Din il-festa tieqaf mal-25 ta' Diċembru. Hemm bżonn li nibdew nghixuh il-Milied. Mil-lum stess nistgħu nħossu fina l-ferħ tal-Milied avolja għadu 'l bogħod. Is-sigriet qiegħed hawn - nidraw inħejju qlubna u l-ambjent tal-familji tagħna biex Ġesù jitwieled fostna. Dan ifisser li b'Ġesù dejjem magħna, il-piki jgħibu, il-ġlied u l-konfronti ma jibqax post għalihom, il-kliem b'ieħor iċedi għall-verità, il-mibgħeda tinbidel f'imħabba sinċiera. F'kelma waħda, il-ħolma ta' għaqda, paċi u ferħ issir realtà.

***Paul Schembri***

**Bażilika ta' San Ġorġ**

**ĠIMGĦA TA' AĠĠORNAMENT RELIĠJUŻ**
**Mit-18 sat-23 ta' Novembru 1985**

***Suġġett: IL-KNISJA 20 Sena Wara l-Konċilju Vatikan II***

***KELLIEMI:***
***Patri William Axiaq O.F.M. Cap.***

N.B. Matul din il-ġimgħa ssir quddiesa waħda biss filgħaxija. Din tkun fis-6.00 p.m. biex immedjatament wara (6.30 p.m.) tibda l-konferenza L-egħluq tal-Ġimgħa se jsir minn Mons Isqof Nikol Cauchi, li fl-istess okkażjoni se jagħti bidu għall-Viżta Pastorali tal-Parroċċa.

## *Rokna tal-Ladies Society:*

# AKTAR ATTIVITÀ

Il-ħidmiet marbuta mall-festa titulari ta' San Ġorġ ġabu fit-tmiem l-attivitajiet tal-Ladies Society għas-sena 1984-1985.

Wara l-waqfa tal-vaganzi tas-sajf, l-għaqda tan-nisa tal-Parroċċa tagħna reġgħet bdiet bl-attivitajiet tagħha b'risq il-Parroċċa, u l-ewwel attività, ta' karattru rikreattiv u filantropiku kienet Ħarġa għal Malta. Din ġiet organiżżata nhar il-Ħamis 5 ta' Settembru. Fost l-oħrajn, il-ġitanti tal-parroċċa żaru d-Dar tal-Provvidenza fejn ħadu sehem f'quddiesa ċelebrata minn Fr. Joseph Farrugia, Chaplain tal-L.S. Waqt din il-quddiesa saret ġabra b'risq id-Dar, li laħqet is-somma sabiħa ta' Lm70. Din is-somma, flimkien ma' xi kontribuzzjonijiet oħra privati, ġiet ippreżentata lil Mons. Mikiel Azzopardi, Direttur tad-Dar, minn Mrs Georgina Xerri, President tal-Għaqda.



Nhar l-Erbgħa, 23 ta' Ottubru, imbagħad sar l-ewwel Coffee Morning għas-sena 1985-86 fir-Restaurant Ta' Pinu, wara quddiesa li ġiet iċċelebrata fis-Santwarju tal-Madonna. Il-Coffee Morning li jmiss ser isir nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru.

Nhar it-Tnejn, 4 ta' Novembru, sar Pellegrinaġġ għal Malta fejn saru żjarat liċ-Ċimiterji tal-Addolorata u ta' Wied Għammieq. Fl-istess jum saret żjara wkoll lill-Bażilika tal-Isla fejn tinsab għall-qima l-istatwa mirakoluża tar-Redentur.

Fost l-attivitajiet li l-L.S. qed tippjana għal żmien il-Milied, hemm il-CHRISTMAS BAZAAR, li ta' kull sena jkun tant mistenni min-nisa kollha. **Din is-sena l-Bazaar se jsir nhar it-Tlieta u l-Erbgħa, 2 u 3 ta' Diċembru fiċ-Ċentru Parrokjali.**

Aħna ċerti li bħall-imgħoddi dan il-Bazaar ser ikun suċċess. Nittamaw li anke din id-darba nsibu l-koperazzjoni tal-membri tagħna kollha, anke jekk stess dan ikun ifisser xi ftit tas-sagrifiċċju għalikom.

Nawguraw lil kulħadd il-Milied it-Tajjeb!

## *Rokna għat-tfal*

# TAQTGĦUX QALBKOM!

*Għeżież Tfal,*

*Kultant tisma' lil xi tifel jew tifla bħalkom jilmenta li hu mhu kapaċi jagħmel xejn u li tfal oħra huma iżjed ħafna bravi minnu. B'hekk, tarah jaqta' qalbu u jitlef il-kuraġġ kollu għax jaħseb li, jagħmel x'jagħmel, qatt ma jista' jlaħħaq ma' tfal oħra sħabu.*

*Tfal, dan m'għandux ikun. Qatt taqtgħu qalbkom fil-ħajja. Ftakru dejjem li hemm xi ħadd li kapaċi u jrid jagħtikom l-għajnuna tiegħu biex intom timxu 'l quddiem u tkunu kapaċi tagħmlu ħafna u ħafna affarijiet sbieħ u ta' fejda. Dan ix-xi ħadd, tfal, mhu ħadd ħlief Ġesù, li jħobbkom ilkoll u lest dejjem li jgħinkom u jwiżinkom f'dak kollu li jkollkom bżonn.*

*Ħalli ngħidilkom storja qasira.*

*Darba kien hemm tifla li kienet dejjem tgerger li mhi kapaċi għal xejn. Dejjem kienet issewwed qalbha fuq hekk. Jum wieħed, meta kienet id-dar, semgħet il-bieb ta' barra jħabbat. Meta marret tiftaħ, sabet ma' wiċċha ħafna nies minn kull pajjiż tad-dinja jitolbuha l-għajnuna. "Għandi ġejtu għall-għajnuna?" staqsiethom it-tifla. "Għaliex ma mortux għand xi ħadd bravu? Jien m'għandi ħila nagħmel xejn!"*

*Qabez ħmar u qalilha: "Hekk taħseb?" U ssokta: "Ħares lejja kemm jien annimal taċ-ċajt; widnejja twal, riġlejja qsar, rasi iebsa u jitlagħli u jinżilli malajr. Imma, darba waħda, bosta snin ilu, minn fost l-annimali kollha, raġel għażel lili biex jirkeb fuqi u jien ġarrejtu bil-ħlewwa kollha!"*

*Tfal, naħseb indunajtu min kien dak "ir-raġel" li semma dak il-ħmar. iva, qtajtu. Kien Ġesù. Qegħdin taraw, tfal? Ġesù ma jagħżilx lill-għorrief u lill-bravi biex jaqduh. Jagħżel biss lill-umli u lil dawk li għandhom fiduċja fl-għajnuna tiegħu u lesti dejjem biex jagħmlu dak li Huwa jitlob minnhom.*

*Meta tkunu se taqtgħu qalbkom, tfal, ftakru ftit f'din l-istorja ċkejkna tal-ħmar li tfakkarna li Ġesù jinsab dejjem lest li jagħtina l-għajnuna tiegħu.*

*Qabel inħallikom, tfal, nawguralkom Milied mill-iżjed ħieni u qaddis, u Sena Ġdida mimlija b'dak kollu li tixtieq qalbkom.*

**Tatà**
**Iz-Ziju Peppi**

# KALENDARJU 1986

**Wasal biex joħroġ il-Kalendarju tal-Parroċċa għas-sena l-ġdida 1986. Il-Kalendarju ser jitqassam b'xejn lill-familji kollha tal-Parroċċa matul ix-xahar ta' Diċembru. Xieraq li kull min jista'; jikkontribwixxi xi ħaġa għall-ispejjeż tal-pubblikazzjoni. Kwalunkwe offerta tiġi apprezzata. Tistgħu tgħaddu l-offerta tagħkom lill-Mons. Arċipriet jew lid-distributuri tar-Rivista. Nirringrazzjawkom bil-quddiem.**

**DONAZZJONIJIET**

*S. Farrugia (Canada) Lm10; Can Coronato Grima (Gibilta ) Lm2; G. Lanfranco Lm1; N.N. Lm1; Kapp S. Debrincat 50c; F. Galea 50c.*

# Il-Qima Lejn il-Kunċizzjoni tal-Madonna
# Ħdejn il-Bażilika ta' *San* Ġorġ u fil-Knisja *Tiegħu*

*mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap*

## — Kappelli ħdejn il-Bażilika ta' San Ġorġ —

Ħdejn il-Bażilika Monumentali ta' San Ġorġ fil-qedem insibu seba kappelli li fuqhom fil-qosor sejjer nikteb ħjiel Storiku.

1. Il-kappella tal-Madonna tal-Konsolazzjoni li kienet tinsab 'nel Vicolo della Parrocchiale Chiesa di San Giorgio". In-Nobbli Federico Saliva (Saliba?) ħallielha legat li jinsab fl-atti tan-Nutar Pietru Mannar tat-22 ta' Frar 1531.

2. Santa Marija tas-Sokkors. Kienet tinsab ħdejn dik il-Madonna ta' Idria. Fil-1515 kellha qampiena.

3. Il-Kappella ta' Santa Marija ta' Idria. Din kienet wieqfa sewwa sew faċċata tal-knisja ta' San Ġorġ. Din il-kappella kienet ipprofonata fl-1657. Flokha fis-sena 1730 inbniet il-Knisja ta' San Ġużepp tas-Suq (tal-Madonna tad-Dawl). Il-festa tal-Madonna ta' Idrija kienet issir fil-25 ta' Marzu, nhar il-Lunzjata.

4. Il-Knisja tal-Kunċizzjoni tal-Warda, fil-ħara ta' San Ġorġ, mibnija mill-familja Għawdxija Apap jew kif kienet magħurfa De A papis. Franġiska Fava ħallitilha l-imgħax fuq mitt skud, biex jitqassmu erbat itmiem ħobż tal-qamħ f'jum il-festa. Dan il-ħobż jitqassam mill-werrieta ta' Fava u b'kemm jiswa tmien skudi. Fis-sena 1746, kien iqassam s-Sur Duttur Gannikol Gauci.

5. Il-Knisja tal-Kunċizzjoni. Din il-knisja wkoll kienet wieqfa fis-suq, ħdejn fejn iżjed tard inbniet il-Knisja tad-Dawl u qrib it-tnejn l-oħra tas-Sokkors u ta' Indrija. Lil din il-knisja Salvu Baglio ħalla fl-atti tan-Nutar Tumas Gauci legat ta' quddies għal dejjem biex jitqaddes fiha. Il-knisja hija dik li saritilha żjara mill-viżitatur Mons Pietru Dusina fl-1575.

6. Il-knisja ta' Santa Katerina. Mis-Sagristija tal-knisja ta' San Ġorġ M. wieħed kien jista' jidħol għall-kappella ta' Santa Katerina V.M. li kienet knisja żgħira mibnija għaliha fuq iz-zuntier kbir ta' l-istess knisja. Din il-kappella kellha xi bini mħollija minn Dun Angelo Mallia kif ukoll mill-kjeriku Anastasi bħal ma jidher fl-atti tan-Nutar Gio-Batta Spilotta tal-11 ta' Ġunju 1614. Din il-kappella fl-1659-1660, ġiet imġarrfa u l-ispazju tagħha ġie nkorporat u jagħmel parti mill-knisja l-ġdida ta' San Ġorġ.

7. Il-kappella tad-Duluri. Matul il-vista pastorali tal-1618, l-Isqof ra kappella meqjuma lid-Duluri tal-Madonna. Kienet wisq probabbli ħdejn il-knisja ta' San Ġorġ. Ftit hu magħruf fuqha, imma din il-kappella turi l-bidu tal-qima lejn l-omm imnikta ta' Ġesù.

### L-ARTAL TA' SAN PAWL FIL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

Ir-raba artal ifakkar il-Għarqa ta' San Pawl Missierna f'dawn il-Gżejjer u l-Kunċizzjoni tal-Madonna.

Dan l-artal huwa l-aħħar wieħed li ġie imwaqqaf fil-Parroċċa ta' San Ġorġ tant li sa tmiem is-seklu 1600 jiġifieri bejn l-1678 - 1630 floku kien hemm il-Fonti tal-Magħmudija. Kien il-Kan. Dun Cassia Magri Arċipriet tal-Kolleġġjata Matriċi ta' l-Assunta u Kappillan tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ bejn l-1693 u l-1729 li ppreżenta talba li fiha qal li kienet ix-xewqa tal-poplu li jwaqqaf artal ad unur ta' San Pawl u jagħmel ukoll il-kwadru fil-knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ.



## *MARIJA u 8 ta' Diċembru*

***Fil-Festa tal-Konċipiment Immakulat tiegħek inħarsu lejk u naraw il-kobor li bih ġejt imżejna.***

***- ALLA L-MISSIER . . . bħala Bintu,***
***tak is-semau l-art.***
***ALLA L-IBEN. . . bħala Ommu,***
***tak ir-rispett u l-ubbidjenza.***
***- ALLA L-ISPIRTU S-SANTU . . .***
***Bħala l-Għarus***
***tak qdusija fl-għola grad.***

Il-permess meħtieġ u mitlub mill-Arċipriet Magri, ingħata mill-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, Dun Anton Mamo, nhar il-15 ta' Mejju 1698 filwaqt li kien qiegħed jagħmel il-vista pastorali fid-Djoċesi ta' Għawdex.

Jidher li l-altar imsemmi ad unur ta' San Pawl ma damx wisq beix jtwaqqaf, għax fil-15 ta' Jannar 1699, jew xi data qabel l-arċipriet Magri għamel supplika oħra li fiha qal li l-artal imsemmi ġie mwaqqaf u jiprovdu bil-kwadru u bl-affarijiet oħra meħtieġa.

### IL-KWADRU TA' SAN PAWL BIL-KUNĊIZZJONI TAL-MADONNA FIH

Il-kwadru ta' San Pawl huwa kwadru eċċellenti u magħruf sħiħ. anzi huwa wieħed mill-aħjar xogħlijiet tal-pittur Żebbuġi Stefano Crandi.

F'dan il-kwadru nsibu x-xbiha tal-Kunċizzjoni tal-Madonna b'idejha ma xulxin u l-qamar taħt riġlejha. Din ix-xbiha sabiħa tal-Madonna qiegħda fil-lemin tal-kwadru u San Pawl għarkuptejh. Ma dan il-kwadru nsibu prospettiva sabiħa imżejjna bi skultura fil-ġebel kollha barokka. L-artal huwa tar-rham u kien ġie ikkonsagrat mill-Isqof ta' Għawdex Mons Mikiel Gonzi (1924-1944) fit-3 ta' Mejju 1937.

★★★★★★★★★★★★★★

# IL-MILIED IT-TAJJEB

Il-festa tal-Milied hija festa ta' ferħ u sliem. Dan il-ferħ jinħass minn kull klassi ta' nies; mit-tfal, miż-żgħażagħ, mill-kbar u anki mill-morda. Għalhekk ix-xahar ta' Diċembru għandna messaġġ kbir x'nieħdu li ħafna qed ifittxu bil-ħerqa. . . il-paċi.

Il-kelma paċi hija kelma sabiħa imma titlob ħafna drabi sagrifiċċji kbar. X'inhi l-paċi? Fejn tinsab? Qed naħdmu għaliha? Jekk le, kif nakkwistawha? Fi żmenijietna qed iħawwdu l-imħuħ ta' dawk li verament għandhom rieda tajba li jagħmlu dinja aħjar sew in-nies kif ukoll mexxejja ta' ġnus. Din il-problema llum saret fenomenu li għalkemm jidher qed isiru sforzi ġenwini biex issolvi ruħha, għad jonqos dik ix-xi ħaġa li qed tingħata l-ġenb. Jiena naħseb, is-soluzzjoni tinsab fit-talb li għandu jkollna lil Ġesù Bambin li f'dan ix-xahar infakkru it-twelid tiegħu. Din il-festa għalina l-Insara għandha sservi għal tibdila kbira spiritwali individwali u ta' qawmien aktar fl-imħabba tal-proxxmu. Il-vera paċi l-ewwelnett għandha tibda fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minna u wara li jseħħ dan - permezz tat-talb u l-imħabba lejn l-Ewkaristija - nistgħu nqawwu qalbna li raġġi aktar sħan u ċari ta' tama għad ifeġġu minn xemx li tiela' fuq l-orizzont ġdid. Għax fuq kollox il-Milied għalfejn jasal jekk mhux għalhekk? Żgur mhux biex isiru l-parties, ikliet, xorb bla rażan xalar u ferbiq ta' flus li jipprofanaw din il-festa; x'jiswa li wieħed ilissen diskors bħal "Il-Milied it-Tajjeb" jekk f'qalbu ma jifhimx it-tifsir veru tiegħu jew jixrob biex iħossu aktar ferħan u fil-verità jkun qed jegħreq fid-dwejjaq u l-ħażen tal-qalb?

Il-festi għandhom ikunu għax fuq kollox okkażjoni ta' wirja ta' ferħ liema bħalha, iżda għandna nagħmluhom bil-ħsieb ta' spirtu nisrani kif titlob minna l-knisja - l-awtorità tagħna lkoll. Irridu niftakru li matul is-sena aktarx l-problemi tal-ħajja jnissuna dawn il-veritajiet kbar. Ta' spiss nonqsu mill-imħabba ta' Ġesù u lejn ħutna l-bnedmin. Irridu niftakru li l-imħabba ta' Ġesù ma kenetx mibnija "fuq kliem biss,imma kliem u fatti."

Għalhekk għandna nitħeġġu bl-imħabba għaliH u bil-karità għall-proxxmu, speċjalment għal dawk li huma foqra, morda, weħedhom, inkwetati, bla xogħol jew igħixu fid-dnub.

Għaldaqstant, ilkoll għandna nħarsu lejn il-Milied minn aspett wieħed: li jġiegħlna nirrealizzaw kemm hi festa tassew kbira. Ġesù Tarbija jridna nersqu aktar lejH u nkunu miegħU u tiegħU biex b'hekk igħinna nakkwistaw il-paċi vera ta' qalbna.

***P. Diegu Theuma O.F.M.Kap.***

## SEHEM FIL-FESTIVAL TAL-MUŻIKA TAL-MEDITERRAN



Żewġ xogħlijiet ġodda tal-kompożitur żagħżugħ Għawdxi John Galea ġew magħżula biex jindaqqu fil-Mediterranean Music Festival li sar fl-ewwel ġranet ta' Novembru fil-Grecja u fi Franza. Ix-xogħlijiet li bihom Mro. Galea ippartecipa f'dan il-Festival, sponsorjat mill-Kunsill tal-Ewropa u l-Kumunità Ekonomika Ewropeja, huma 'Three Miniatures In Rast' għall-pjanu, u 'Folk Song Variations' għall-vjolin u flawt. Flimkien ma Mro. Galea ħa sehem ukoll Mro. Carmelo Pace u Mro Charles Camilleri, li bejniethom irrappreżentaw lil Malta f'serata ta' mużika Maltija kontemporanja u folkloristika.

F'dan il-Festival numru ta' speċjalisti u mużikologi organizzaw Seminars u Round Table Discussions fuq karatteristiċi partikolari jew etniċi li spikkaw f'kull biċċa mużika li ndaqqet. Seba' pajjiżi Ewropej ipparteċipaw fil-Festival flimkien ma' Malta. Dawn kienu Jugoslavia, Ċipru, Turkija, Italja, Spanja, Grecja u Franza.

Fl-età ta' 25 sena Mro John Galea diġa' kiseb diversi suċċessi fil-kamp mużikali. Huwa iddistingwa ruħu f'għadd ta' kompożizzjonijiet li kiteb f'dawn l-aħħar snin, u idderieġa bosta kunċerti u operetti.

Attwalment għandu f'idejh it-tmexxija tal-"Chorus Urbanus" tal-parroċċa tagħna. Huwa wkoll l-Assistent Surmast Direttur tal-Banda Ċittadina La Stella.

Lil Mro Galea nifirħulu u nawgurawlu aktar suċċessi fil-ġejjieni.

## NILTAQGĦU NHAR. . .

**DIĊEMRBU:**

**Il-Ħadd 1.**
L-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent. Fl-4.00 p.m. Quddiesa bil-priedka.

**L-Erbgħa 4.**
Siegħa Adorazzjoni Kommunitarja fis-1.30p.m.

**Il-Ġimgħa 6.**
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.

**Il-Ħadd 8.**
Solennità ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni.

**It-Tnejn 16.**
Bidu tan-Novena tal-Milied. Fis-6.00 p.m. Quddiesa

**It-Tlieta 24.**
Lejliet il-Milied. Fil-11.30 p.m. Purċissjoni bil-Bambin, priedka tal-Milied minn tfajjel u kant ta' Salmi. F'nofs il-Lejl Konċelebrazzjoni Solenni.

**L-Erbgħa 25.**
Solennità tal-Milied Imqaddes. Fl-4.00 p.m. Pontifikal minn Mons. Isqof Nikol Cauchi.

**Il-Ġimgħa 27.**
Solennità ta' San Ġwann Appostlu u Evanġelista.

**It-Tlieta 31.**
Festa ta' Silvestru I Papa, Fundatur tal-Lateran. Fil-5.00 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali mill-Isqof Cauchi u Kant tat-'Te Deum' b'radd il-ħajr.

A & M PRINTING LTD - 553217